



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



6675/12

PRESSE 56

PR CO 8

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3147 laqgħa tal-Kunsill

Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)

Brussell, 20-21 ta' Frar 2012

President

Is-Sur Ole SOHN

Ministru tal-Kummerċ u t-Tkabbir

Is-Sur Morten ØSTERGAARD

Ministru tax-Xjenza, l-Innovazzjoni u l-Edukazzjoni Għolja
għad-Danimarka

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 8847 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

6675/12

1
MT

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill iddiskuta l-istrategġija Ewropa 2020 għat-**tkabbir u l-impjiegi** fir-rigward tal-**Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir** tal-Kummssjoni, bi tnejn għas-Summit tar-Rebbiegħa tal-UE tal-1 u t-2 ta' Marzu.*

*Huwa kellu deliberazzjonijiet pubbliċi dwar tliet oqsma ta' prijorità, inkluż l-**Att dwar is-Suq Uniku**, li huma maħsubin biex jgħinu lill-kumpanniji tal-UE jżidu l-kompettività tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jgħolqu l-impjiegi:*

- ir-riforma tar-**regoli ta' kontabbiltà**, b'attenzjoni speċifika fuq proposta għat-trasparenza f' pagamenti magħmulin lil gvernijiet;*
- il-modernizzazzjoni tal-politika tal-**akkwist pubbliku**; u*
- it-titjib tal-**aċċess għall-finanzi għall-SMEs** permezz tal-istabbiliment ta' passaport tal-UE għall-amministraturi ta' fondi ta' kapital ta' riskju u fondi ta' intraprenditorija soċjali.*

*Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar l-aġenda tar-**regolamentazzjoni intelliġenti**, li hija maħsuba biex tissimplifika l-ambjent regolatorju li fih joperaw l-intrapriżi tal-UE, b'enfasi qawwija fuq l-utent finali.*

*Id-delegazzjonijiet ħadu nota wkoll tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar l-istat attwali rigward il-**pakkett ta' privattivi**.*

*Il-Kunsill kellu dibattitu pubbliku dwar il-programm qafas futur għall-finanzjament tar-**riċerka u l-innovazzjoni** għas-snin 2014-2020, li jismu **Orizzont 2020**. Huwa sema wkoll preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-passi futuri proposti għall-**Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)**.*

*Fil-qasam tal-ispazju, il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni tal-**programm ewlieni tal-ispazju GMES** (Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja) għas-sena 2014 'l quddiem.*

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI	5
PUNTI LI ĠEW DISKUSSI	
STĦARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR: TĦEJJIJA GĦALL-KUNSILL EWROPEW TAR-REBBIEGĦA	8
RIFORMA TAL-POLITIKA TAL-AKKWIST PUBBLIKU	10
REVIŻJONI TAR-REKWIŻITI TA' KONTABBILTÀ GĦALL-KUMPAÑIJI	12
FONDI TA' KAPITAL TA' RISKJU U FONDI TA' INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI.....	14
AĠENDA TAR-REGOLAMENTAZZJONI INTELLIĠENTI - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	15
PROGRAMM QAFAS GĦAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI: "ORIZZONT 2020"	16
ISTITUT EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U T-TEKNOLOĠIJA (EIT).....	18
SEGWITU GĦALL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL EWROPEW DWAR L- INNOVAZZJONI	19
PROGRAMM EWROPEW TA' MONITORAĠĠ TAD-DINJA (GMES).....	20
AFFARIJIET OĦRA	21
Protezzjoni tal-privattiva unitarja.....	21
Bijoekonomija: pjan ta' azzjoni għall-innovazzjoni u t-tkabbir ekoloġiku.....	21
Żona Ewropea tar-Riċerka: riżultati tal-konsultazzjoni pubblika	22
ITER: Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali.....	22

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*TRASPORT*

- L-interoperabbiltà tal-linji ferrovjarji Ewropej - applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija23
- Miri komuni tas-sikurezza ferrovjarja23

LIĠI DWAR L-IKEL

- Koloranti tal-ikel - Kontroll tad-diossini u kontaminanti oħra f'oġġetti tal-ikel24

KULTURA

- Bord ta'Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew - Ħatriet24

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sur Johan VANDE LANOTTE

Is-Sur Jean-Marc NOLLET

Is-Sur Kris PEETERS

Is-Sur Paul MAGNETTE

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ekonomija, tal-Konsumaturi u tal-Baħar tat-Tramuntana
Viċi President u Ministru għat-Tfal, ir-Riċerka u s-Servizz Ċivili
Ministru-President tal-Gvern Fjamming u Ministru Fjamming tal-Ekonomija, il-Politika Barranija, l-Agricoltura u l-Politika Rurali
Ministru tal-Impriżi Pubbliċi, tal-Politika Xjentifika u tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, responsabbli mill-Bliet Kbar

Bulgarija:

Is-Sinjura Julieta HUBENOVA

Is-Sur Peter STEFANOV

Viċi Ministru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu
Viċi Rappreżentant Permanenti

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Martin TLAPA

Is-Sur Ivan WILHELM

Viċi Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ
Viċi Ministru tar-Riċerka u l-Edukazzjoni Għolja

Danimarka:

Is-Sur Ole SOHN

Is-Sur Morten ØSTERGAARD

Is-Sur Michael DITHMER

Ministru tal-Kummerċ u t-Tkabbir
Ministru tax-Xjenza, l-Innovazzjoni u l-Edukazzjoni Għolja
Segretarju tal-Istat Permanenti, Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u tal-Kummerċ tad-Danimarka

Ġermanja:

Is-Sur Peter HINTZE

Is-Sinjura Birgit GRUNDMANN

Is-Sur Georg SCHÜTTE

Segretarju Parlamentari tal-Istat għall-Ministru Federali tal-Ekonomija u t-Teknoloġija
Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Ġustizzja
Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka

Estonja:

Is-Sur Gert ANTSU

Viċi Rappreżentant Permanenti

Irlanda:

Is-Sur Richard BRUTON

Is-Sur Seán SHERLOCK

Ministru tax-Xogħlijiet, Intrapriża u Innovazzjoni
Ministeru tal-Istat b'responsabbiltà għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Dipartimenti tax-Xogħlijiet, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Ħiliet)

Greċja:

Is-Sur Andreas PAPASTAVROU

Viċi Rappreżentant Permanenti

Spanja:

Is-Sinjura Carmen VELA

Is-Sur José Pascual MARCO MARTINEZ

Segretarju tal-Istat għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni
Viċi Rappreżentant Permanenti

Franza:

Is-Sur Jean LEONETTI

Is-Sur Philippe LEGLISE-COSTA

Ministru responsabbli għall-Affarijiet Ewropej, fl-Uffiċċju tal-Ministru tal-Istat, Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej
Viċi Rappreżentant Permanenti

Italja:

Is-Sur Enzo MOAVERO MILANESI

Is-Sur Francesco PROFUMO

Ministru tal-Affarijiet Ewropej
Ministru tal-Edukazzjoni, l-Universitajiet, u r-Riċerka

Ċipru:

Is-Sur George ZODIATES

Viċi Rappreżentant Permanenti

Latvja:

Is-Sur Daniels PAVIŪTS

Is-Sur Mareks GRUŠKEVICS

Ministru tal-Ekonomija
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza

Litwanja:

Is-Sur Giedrius KADZIAUSKAS
Is-Sinjura Nerija PUTINAITE

Viċi Ministru tal-Ekonomija
Viċi Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza

Lussemburgu:

Is-Sur Etienne SCHNEIDER
Is-Sinjura Michèle EISENBARTH

Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u tal-Kummerċ Estern
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ungerija:

Is-Sur Zoltán CSÉFALVAY

Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Strateġiċi, Ministeru tal-Ekonomija Nazzjonali

Malta:

Is-Sur Jason AZZOPARDI

Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħira u l-Konsumatur

Pajjiżi l-Baxxi:

Is-Sur Derk OLDENBURG

Viċi Rappreżentant Permanenti

Awstrija:

Is-Sur Karlheinz TÖCHTERLE
Is-Sur Harald GÜNTHER

Ministru Federali tax-Xjenza u r-Riċerka
Viċi Rappreżentant Permanenti

Polonja:

Is-Sinjura Barbara KUDRYCKA
Is-Sur Andrzej DYCHA

Ministru tax-Xjenza u l-Edukazzjoni Għolja
Viċi Ministru tal-Ekonomija

Portugall:

Is-Sur Carlos OLIVEIRA

Segretarju tal-Istat għall-Intraprenditorjat, il-Kompetittività u l-Innovazzjoni
Segretarju tal-Istat għax-Xjenza

Is-Sinjura Maria Leonor PARREIRA

Rumanija:

Is-Sur Dragos Mihael CIUPARU

Segretarju tal-Istat, President tal-Awtorità Nazzjonali għar-Riċerka Xjentifika
Viċi Rappreżentant Permanenti

Is-Sur Cristian BADESCU

Slovenja:

Is-Sur Žiga TURK
Is-Sur Uroš VAJGL

Ministru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport
Viċi Rappreżentant Permanenti

Slovakkja:

Is-Sur Peter JAVORČÍK

Viċi Rappreżentant Permanenti

Finlandja:

Is-Sur Lauri IHALAINEN
Is-Sur Jyri HÄKÄMIES

Ministru tax-Xogħol
Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi

Svezja:

Is-Sinjura Ewa BJÖRLING
Is-Sur Stefan ATTEFALL
Is-Sur Peter HONETH

Ministru tal-Kummerċ
Ministru tal-Amministrazzjoni Pubblika u d-Djar
Segretarju tal-Istat responsabbli għall-edukazzjoni għolja u r-riċerka, Ministeru tal-Edukazzjoni

Renju Unit:

Is-Sur Norman LAMB

Ministru tar-Relazzjonijiet fl-Impjeggi, il-Konsumatur u l-Affarijiet Postali

Is-Sur Andy LEBRECHT

Viċi Rappreżentant Permanenti

Kummissjoni:

Is-Sur Antonio TAJANI
Is-Sur Michel BARNIER
Is-Sinjura Androulla VASSILIOU
Is-Sinjura Maire GEOGHEGAN-QUINN

Viċi President
Membru
Membru
Membru

Il-Gvern tal-Istat Aderenti kien rappreżentat kif ġej:

KROAZJA

Is-Sur Željko JOVANOVIĆ

Is-Sinjura Tamara OBRADOVIĆ MAZAL

Ministru tax-Xjenza, l-Edukazzjoni u l-Isport
Viċi Ministru tal-Ekonomija

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**STĦARRIĠ ANNWALI DWAR IT-TKABBIR: THEJJJA GĦALL-KUNSILL EWROPEW TAR-REBBIEGĦA**

Il-Kunsill iddiskuta l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012, bħala parti mid-deliberazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill bi thejjja għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa fl-1 u t-2 ta' Marzu.

Huwa għamel enfasi fuq il-miżuri li, fil-kompetenza tal-Kunsill Kompettività, jistgħu jtejbu l-prestazzjoni ekonomika u joħolqu valur miżjud kemm fuq perijodu qasir kif ukoll fit-tul, inklużi:

- il-promozzjoni tal-kompettività permezz ta' tkabbir sostenibbli, li timplika azzjonijiet konkreti li jistgħu jitwettqu mis-Suq Uniku Diġitali u s-suq intern għas-servizzi, kif ukoll l-għoti ta' għajjuna lill-kumpanniji ta-UE fl-iżvilupp tal-potenzjal tagħhom għall-kummerċ estern;
- il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-finanzji għal kumpanniji Ewropej, li tinkludi ż-żieda fl-użu ta' strumenti finanzjarji bħal garanziji ta' self u investimenti ta' kapital ta' riskju; u
- il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, permezz tas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju tan-negozju u bl-iffaċilitar ta' inizjattivi ta' Gvern elettroniku.

Ir-riformi strutturali u l-azzjonijiet tas-suq uniku għandhom jiġu kkomplimentati b'żieda fl-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u oqsma oħra għat-titjib tat-tkabbir. Jeħtieġ li jinstabu miżuri addizzjonali u msaħħa tal-innovazzjoni li jgħinu lill-ekonomija Ewropea terġa' tiġi f'postha u jitrattaw l-isfidi soċjali komuni billi, fost l-oħrajn, jiġu implimentati l-impenji tal-Unjoni tal-Innovazzjoni.

Barra minn hekk, f'kuntest tal-konsildazzjoni fiskali, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma elementi kruċjali fit-tfassil ta' strateġiji xierqa ta-UE u dawk nazzjonali għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. F'dan il-kuntest, il-Ministri enfasizzaw l-importanza li jinżamm u jizjed il-livell ta' investimenti f'dawn l-oqsma u jibqa' jkun hemm miri ambizzjużi għar-riċerka u l-iżvilupp.

F'Novembru li għadda l-Kummissjoni ppubblikat l-Istħarriġ dwar it-Tkabbir għall-2012, li huwa analiżi tal-progress fuq il-miri ta- Ewropa 2020 għall-ħolqien tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi¹.

¹ http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/ags2012_en.pdf

Biex jiġu mħeġġa t-tkabbir u l-kompetittività, il-komunikazzjoni tirrakkomanda li l-isforzi fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali għandhom jiffukaw fuq il-ħames prijoritajiet li ġejjin: il-ħidma lejn konsolidazzjoni fiskali differenzjata li tgħin lit-tkabbir; li jerġa' jibda jsir self normali lill-ekonomija; il-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompetittività; it-trattament tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi; u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir iniedi s-semestru Ewropew, li jiffirma parti minn arkitettura għida ta' governanza biex tirrevedi l-politiki baġitarji u strutturali tal-Istati Membri sabiex jiġu identifikati l-inkonsistenzi u l-iżbilanċi li qed jiffaċċaw. L-għan huwa li tissaħħaħ il-koordinazzjoni filwaqt li d-deċiżjonijiet baġitarji ewlenin ikunu għadhom qed jitħejjew.

Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ser jidentifika l-isfidi ekonomiċi prinċipali li qed tiffaċċja l-UE u ser jagħti parir strateġiku. B'kont meħud ta' din il-gwida, l-Istati Membri ser jippreżentaw l-istrateġiji baġitarji tagħhom fil-programmi tagħhom ta' stabbiltà u ta' konverġenza. Fl-istess waqt, ser ifasslu programmi nazzjonali ta' riforma li jistabbilixxu l-azzjoni li għandha tittieħed biex tissaħħaħ il-politika tagħhom f'diversi oqsma.

RIFORMA TAL-POLITIKA TAL-AKKWIST PUBBLIKU

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-modernizzazzjoni tal-politika tal-akkwist pubbliku.

Kien l-ewwel dibattitu ministerjali minn meta saret il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni, f'Diċembru 2011, tal-proposti għal riforma kbira tar-regoli tal-akkwist pubbliku madwar l-UE.

L-eżitu tad-dibattitu jipprovdi gwida għall-kontinwazzjoni tax-xogħol tekniku. Il-mira intermedja hija li jintlaħaq ftehim dwar il-prinċipji ewlenin tar-riforma fil-Kunsill Kompetittività f'Mejju, bl-iskop aħħari li tiġi approvata r-riforma fil-koleġislazzjoni mal-Parlament Ewropew qabel tmiem l-2012.

It-tliet proposti għall-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku huma:

- abbozz ta' direttiva li twaqqaf qafas leġislattiv ġdid (li tissostitwixxi d-direttiva 2004/18/KE) ([18966/11](#));
- abbozz ta' direttiva dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali (li tissostitwixxi d-direttiva 2004/17/KE) ([18964/11](#)); u
- abbozz ta' direttiva dwar l-ġhoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ([18960/11](#)).

Ir-reviżjoni tar-regoli attwali dwar l-akkwist pubbliku, li jmorru lura sal-2004, hija waħda mit-tnax-il azzjoni ta' prijorità ewlenin li jinsabu fl-"Att dwar is-Suq Uniku"¹.

Id-dibattitu ikkonċentra fuq il-qafas legali ġenerali ġdid. B' mod aktar speċifiku, ikkonċentra fuq żewġ aspetti ppreżentati mill-Presidenza ([6436/12](#)):

¹ http://ec.europa.eu/internal_market/smact/index_en.htm

1. Il-grad ta' flessibilità li għandu japplika fl-użu ta' proċeduri kompetittivi permezz tan-negożjar.

Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet iddikjaraw li għandu jkun possibbli użu akbar ta' proċeduri nnegożjati fil-kuntratti pubbliċi, u li ċerti salvagwardji għandhom ukoll jiġu salvagwardji sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-offerti. Xi delegazzjonijiet oħra jippreferu użu limitat ta' din il-proċedura f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni.

Meta mqabbla mar-regoli attwali, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-lista ta' każijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-proċedura kompetittiva bin-negożjar, iżda mhux biex tippermetti aċċess mhux ristrett għal din il-proċedura.

2. Regoli għal ċerti kategoriji ta' servizzi: soċjali, kulturali, saħħa, eċċ.

Ħafna delegazzjonijiet enfasizzaw li s-sistema l-ġdida għandha tilħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn il-promozzjoni tal-effiċjenza permezz tal-kompetizzjoni fl-għoti tal-kuntratti u l-kisba tal-oġettiv ta' regoli inqas riġidi dwar l-akkwist pubbliku għal ċerti servizzi.

Il-Kummissjoni tipproponi t-tneħħija tad-distinzjoni attwali li tapplika għal ċerti servizzi li jistgħu jiġu esternalizzati fil-qafas ta' reġimi aktar sempliċi (soċjali, kulturali, tas-saħħa, edukattivi, eċċ.), sabiex ir-regoli standard ikunu japplikaw għas-servizzi kollha sakemm mhux espliċitament eżentati.

REVIŻJONI TAR-REKWIŻITI TA' KONTABBILTÀ GĦALL-KUMPANNIJI

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-regoli ta' kontabbiltà applikabbli għall-kumpanniji ta-UE, li kien jitratta b'mod speċifiku dwar ir-rappurtar ta-pagamenti lill-gvernijiet.

L-eżitu tad-dibattitu jipprovdi gwida għall-kontinwazzjoni tax-xogħol tekniku bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar is-simplifikazzjoni tad-direttivi ta' kontabbiltà sa tmiem l-2012, f'konformità ma' talba magħmula mill-Kunsill Ewropew.

Il-proposta għal obbligu ta' rappurtar dwar pagamenti li jsiru mill-industrija ta-estrazzjoni u l-ħassada ta-foresti primarji lill-gvernijiet (imsemmija wkoll bħala rappurtar pajjiż pajjiż) hija parti mill-istrateġija ta-Kummissjoni "negozju soċjalment responsabbli". Hija għalhekk inkluża fl-abbozz ta' direttiva li ser tissostitwixxi d-"direttivi dwar il-kontabbiltà" attwali ([16250/11](#)).

Id-"direttivi dwar il-kontabbiltà" jittrattaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati u annwali ta' kumpanniji b'responsabilità limitata fl-Ewropa. Dawn huma:

- ir-Raba' Direttiva ta-Kunsill dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji (78/660/KEE), ta-25 ta' Lulju 1978), u
- is-Seba' Direttiva ta-Kunsill dwar kontijiet konsolidati (83/349/KEE), ta-13 ta' Ġunju 1983.

L-abbozz ta' Direttiva l-ġdid, li ġie ppreżentat f'Diċembru li għadda bħala parti mill-azzjonijiet ta' prijorità ta-Att dwar is-Suq Uniku, għandu jġi adottat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew skont il-proċedura leġislattiva ordinarja.

L-objettivi ewlenin tar-reviżjoni proposta huma:

- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-applikazzjoni ta' regoli ta' kontabbiltà simplifikati għall-SMEs;
- iż-żieda fiċ-ċarezza u l-komparabbiltà tar-rapporti finanzjarji; u
- iż-żieda fit-trasparenza ta-pagamenti li jsiru lill-gvernijiet mill-industrija ta-estrazzjoni u l-ħassada ta-foresti primarji.

Abbażi ta' kwestjonarju ta-Presidenza ([5930/12](#)), id-diskussjoni kkonċentrat fuq l-aħħar objettiv imsemmi.

Sabiex jiġu promossi l-kontabbiltà, it-trasparenza u l-governanza tajba tal-gvernijiet, il-proposta tintroduċi rekwiżiti ġodda ta' rappurtaġ għal intrapriżi kbar u l-entitajiet ta' interess pubbliku kollha attivi fl-industrija estrattiva jew fil-ħsad ta' foresti primarji. L-abbozz ta' direttiva jipproponi li dawn il-kumpanniji għandhom jiżvelaw il-pagamenti li jagħmlu lill-gvernijiet f'kull pajjiż fejn joperaw u għal kull proġett.

Id-diskussjoni ministerjali wriet li kien hemm aċċettazzjoni ċara tal-oġettiv biex tittejjeb it-trasparenza f'dan il-qasam. Xi delegazzjonijiet, iżda, esprimew il-ħtieġa li proposta tiġi eżaminata f'aktar dettal kif ukoll il-ħtieġa li jitqies kull angolu tal-impatt li l-leġislazzjoni proposta ser ikollha fuq il-kompettività tal-intrapriżi Ewropej.

Għadd kbir ta' delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar ir-rappurtaġ f'livell ta' "proġett". Barra minn hekk, ħafna mid-delegazzjonijiet esprimew preferenza għall-inklużjoni ta' definizzjoni ta' "materjalità" tal-pagamenti fid-direttiva futura.

FONDI TA' KAPITAL TA' RISKJU U FONDI TA' INTRAPRENDITORIJA SOĊJALI

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar abbozzi ta' regolamenti dwar il-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju ([18499/11](#)) u l-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej ([18491/11](#)).

Il-proposti ġew ippreżentati f'Diċembru li għadda u huma parti mill-Att dwar is-Suq Uniku u l-pjan ta' azzjoni ta' Kummissjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs ([18619/11](#)).

Il-Ministri approvaw l-oġettiv ġenerali tal-proposti u impenjaw ruħhom għal kalendarju rapidu għall-bidu tan-negozjati mal-Parlament Ewropew, bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim sa Ġunju 2012, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew ([6277/12](#)).

L-oġettiv ġenerali tal-proposti huwa li jrawwem it-tekabbir tal-SMEs billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzi permezz tal-ħolqien ta' passaport għall-UE kollha għall-manigġers ta' fond ta' kapital ta' riskju (EuVECA) u tal-fond għall-intraprenditorija soċjali (EuSEF) fir-rigward tat-tqegħid fis-suq tal-fondi tagħhom.

Il-proposti jintroduċu rekwiżiti uniformi għall-manigġers ta' intrapriżi ta' investiment kollettiv li jridu joperaw taħt il-passaport għall-UE kollha. Huma jintroduċu rekwiżiti rigward il-portafoll tal-investiment, it-tekniki ta' investiment u l-intrapriżi eliġibbli li fond li jikkwalifika jista' jimmira għalihom. Huma jintroduċu wkoll regoli uniformi għal liema kategoriji ta' investituri fond li jikkwalifikaw jista' jiġi mmirat u dwar l-organizzazzjoni interna tal-manigġers li jqiegħdu fis-suq dawn il-fondi li jikkwalifikaw. Regoli sostantivi identiċi madwar l-UE jgħinu biex jinħolqu kondizzjonijiet ugwali għall-parteċipanti kollha fis-suq.

Il-Kummissjoni introduċiet abbozzi ta' regolamenti separati għall-EuVECA u l-EuSEF, peress li dawn iż-żewġ tipi ta' fondi huma differenti fin-natura tagħhom. L-EuVECA normalment jiffoka fuq il-forniment ta' finanzjament ta' ekwità għall-SMEs fil-fażi inizjali tan-negozju, filwaqt li l-EuSEF spiss ikollu firxa akbar ta' għodod ta' investiment kwalifikanti disponibbli, bħall-finanzjament ikkombinat tas-settur pubbliku u privat, strumenti tad-dejn jew self żgħir.

Il-fondi ta' kapital ta' riskju huma operaturi li jipprovdu l-aktar finanzjament ta' ekwità lil kumpanniji li huma ġeneralment żgħar ħafna, fl-istadji inizjali tal-iżvilupp korporattiv tagħhom. Fl-UE, il-finanzjament tal-kapital ta' riskju għandu potenzjal għoli, iżda pjuttost mhux sfruttat. L-SMEs sostnuti minn kapital ta' riskju jistgħu joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja, peress li l-kapital ta' riskju jappoġġa l-ħolqien ta' negozji innovattivi.

AĠENDA TAR-REGOLAMENTAZZJONI INTELLIĠENTI - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet ([6341/12](#)) dwar aġenda futura tar-regolamentazzjoni intelliġenti b'enfasi qawwija fuq l-utent finali: in-negozji, speċjalement l-SMEs u l-mikrointrapriżi, il-konsumaturi, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, eċċ.

Permezz ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill ser jappella lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb l-aġenda tar-regolamentazzjoni intelliġenti billi, fost affarijiet oħrajn, iżżomm fi ħsiebha l-utenti finali u tinvolvihom fl-evalwazzjonijiet tar-regolamentazzjoni sabiex tidentifika piżijiet eċċessivi, inkonsistenzi, miżuri skaduti jew ineffettivi u tnaqqas il-piżijiet regolatorji mhux meħtieġa.

PROGRAMM QAFAS GĦAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI:
"ORIZZONT 2020"

Il-Kunsill kellu dibattitu dwar il-qafas strateġiku komuni ġdid għar-riċerka u l-innovazzjoni għas-snin 2014-2020, li jismu "Orizzont 2020".

Id-dibattitu sar abbażi ta' rapport ippreżentat mill-Presidenza li jiffoka fuq żewġ suġġetti politiċi ewlenin: kwistjonijiet trasversali fi ħdan il-programm Orizzont 2020 (bħall-kooperazzjoni internazzjonali u r-rwol tax-xjenzi soċjali u l-istudji umanitarji), u l-parteċipazzjoni ta' SME fl-Orizzont 2020 ([6281/12](#)).

Ħafna Stati Membri enfasizzaw il-vantaġġi li jġibu magħhom ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanitarji fi proġetti ta' riċerka sabiex jġu indirizzati aħjar l-isfidi soċjali. L-integrazzjoni ta' dawn l-aspetti tista' tkun ta' għajjnuna fil-proċess ta' innovazzjoni f'termini ta' żieda fil-kapaċità ta' soluzzjoni ta' problemi.

Xi delegazzjonijiet osservaw li, fid-dawl tal-esperjenza tal-passat u l-ħidma tal-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Internazzjonali (SFIC), approċċ proattiv min-naħa ta' UE u l-Istati Membri tagħha għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp jista' jirriżulta f'vantaġġi reċiproċi akbar permezz tal-għażla ta' strateġija mmirata. Il-Ministri nnutaw ukoll l-avviż li sar mill-Kummissjoni dwar komunikazzjoni dwar dawn iż-żewġ aspetti li għandha toħroġ fix-xhur li ġejjin.

Fl-aħħar nett, id-delegazzjonijiet kollha wrew appoġġ qawwi biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' SMEs fil-proċess ta' innovazzjoni permezz ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak ta' UE, bħas-simplifikazzjoni ta' strumenti għall-SMEs, il-promozzjoni tar-raggruppamenti, aċċess aktar faċli għall-kapital ta' riskju, is-sħubiji, opportunitajiet aħjar mill-akkwist pubbliku, il-kollaborazzjoni mal-universitajiet, eċċ.

L-objettiv tal-Presidenza huwa li jintlaħaq ftehim komuni fil-Kunsill dwar il-kontenut tal-programm qafas sa Mejju 2012, sabiex titwitta t-triq għall-ħidma futura u tiġi żgurata approvazzjoni f'waqtha mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. L-Orizzont 2020 ser jieħu post is-7 programm qafas dwar ir-riċerka (FP7) ta' UE, li jibqa' għaddej sa tmiem l-2013.

Minbarra l-analiżi attwali li qed issir mill-esperti ta' UE dwar il-programm il-ġdid, il-Kunsill ħa kont tar-riżultati ewlenin tal-ewwel dibattitu ta' orjentazzjoni tas-6 ta' Diċembru, kif ukoll tal-eżitu tad-diskussjonijiet li saru fil-laqgħa ministerjali informali f'Kopenhaġen fit-2 ta' Frar¹. Il-laqgħa ministerjali informali ffukat fuq tliet kwistjonijiet b'rabta mal-Orizzont 2020: kumplimentarjetajiet ma' programmi oħra ta' UE u, b'mod partikolari, fondi tal-politika ta' koeżjoni; is-simplifikazzjoni, u l-importanza li tinħoloq konnessjoni bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni.

¹ <http://eu2012.dk/en/NewsList/Februar/Week-5/Compet-research>

Il-qafas il-ġdid għar-riċerka huwa mistenni li jelimina l-frammentazzjoni f'dan il-qasam u li jiżgura aktar koerenza fost l-oħrajn ma' programmi nazzjonali ta' riċerka. L-Orizzont 2020 ser jibni fuq il-kunċett attwali tal-FP7, il-Programm Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Ser ikun marbut mill-qrib mal-prijoritajiet ewlenin tal-politika settorjali bħas-saħħa, is-sigurtà tal-ikel, l-enerġija u t-tibdil fil-klima, eċċ, u ser ikollu rabtiet qawwija mal-politika ta' koeżjoni kif ukoll l-iżvilupp rurali.

Il-Kummissjoni ppreżentat diversi komponenti tal-programm futur fit-30 ta' Novembru 2011:

http://ec.europa.eu/internal_market/smact/index_mt.htm

ISTITUT EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U T-TEKNOLOĠIJA (EIT)

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-pjan strateġiku ta' implimentazzjoni kif ukoll tar-regolament emendat għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ([18090/11](#)).

L-EIT, li ġie stabbilit f'Marzu 2008, ser ikompli jsaħħaħ il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha u jikkontribwixxi għall-oġettiv ġenerali tal-Orizzont 2020, prinċipalment billi jintegra t- "trijanglu tal-għarfien" tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Din l-integrazzjoni sseħħ l-aktar permezz tal-Komunitajiet għall-Għarfien u l-Innovazzjoni, li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet fuq bażi ta' perijodu twil b'rispons għall-isfidi soċjali l-kbar.

Taħt l-Orizzont 2020, l-EIT jirċievi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 3.1 biljun għall-perijodu 2014-2020.

F'deċiżjoni separata, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ser jiddefinixxu l-oqsma ta' prijorità tal-aġenda strateġika tal-EIT għall-perijodu ta' seba' snin ([18091/11](#)).

Sit elettroniku tal-EIT: <http://eit.europa.eu/>

SEGWITU GĦALL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL EWROPEW DWAR L-INNOVAZZJONI

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Presidenza ([6279/1/12](#)) dwar l-iżviluppi li saru fir-riċerka u l-innovazzjoni wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta-4 ta' Frar 2011, li ffukaw fuq l-enerġija u l-innovazzjoni (*EUCO 2/11*).

Ir-rapport għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill Ewropew li jmiss, li ser jiltaqa' fl-1 u t-2 ta' Marzu.

Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill Ewropew appella għall-implimentazzjoni ta' approċċ integrat biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u jittieħed vantaġġ sħiħ mill-kapital intellettwali tal-Ewropa, għall-benefiċċju taċ-ċittadini, il-kumpanniji - b'mod partikolari l-SMEs - u r-riċerkaturi.

PROGRAMM EWROPEW TA' MONITORAĠĠ TAD-DINJA (GMES)

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (GMES) u t-tħaddim tiegħu mill-2014 'l quddiem ([17072/11](#)).

Id-dibattitu indirizza l-perspettivi futuri u l-mudelli adatti l-aktar possibbli ta' governanza u ta' finanzjament fit-tul għall-programm GMES. Il-hteġa li tinstab forma ta' azzjoni adatta għal segwitu operazzjonali addizzjonali ġiet enfasizzata b'mod ġenerali.

Il-programm GMES ġie stabbilit bir-Regolament 911/2010¹. Flimkien mas-sistema "Galileo" ta' navigazzjoni bis-satellita, huwa jikkostitwixxi programm ewlieni tal-politika tal-UE dwar l-ispazju. Il-GMES huwa wkoll wieħed mill-programmi li għandhom jitwettqu skont l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u huwa inkluż fl-inizjattiva tal-politika industrijali tal-Ewropa 2020, minħabba l-benefiċċji tiegħu għal firxa wiesgħa ta' politiki tal-Unjoni.

Ir-riżoluzzjoni ([18232/11](#)) adottata fit-Tmien Kunsill "Spazju" bejn l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) fis-6 ta' Diċembru, enfasizzat ir-rwol importanti li l-GMES ser ikollu fl-iżgurar tal-aċċess indipendenti mill-Ewropa biex tinġabar informazzjoni essenzjali b'appoġġ għall-oqsma tal-ambjent, is-sigurtà, l-għajnuna umanitarja, il-protezzjoni ċivili u l-kumplement tal-oqsma tematiċi koperti mill-GMES.

Sit elettroniku tal-GMES: <http://www.gmes.info>

¹ Ġurnal Uffiċjali tal-UE L 276, 20.10.2010.

AFFARIJIET OĦRA

Protezzjoni tal-privattiva unitarja

Il-Prezidenza fakkret fid-dikjarazzjoni magħmula fit-30 ta' Jannar mill-kapijiet ta' stat jew ta' gvern tal-Istati Membri parteċipanti fil-kooperazzjoni msaħħa għall-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja li huma impenjati fiha biex jintlaħaq ftehim finali dwar l-aħħar kwistjoni pendenti fil-pakkett tal-privattiva mhux aktar tard minn Ġunju 2012 ([5/12](#)).

Hija enfasizzat il-benefiċċji sinifikanti li s-sistema l-għdida ser tipprovdi lil kumpanniji Ewropej f'termini ta' potenzjal għall-innovazzjoni, l-iffrankar ekonomiku u ċ-ċertezza legali, u impenjat ruħha li tħabrek biex tiffaċilita kompromess finali.

Bosta delegazzjonijiet u l-Kummissjoni ħeġġew il-finalizzazzjoni ta' abbozz ta' ftehim mill-Istati Membri għall-ħolqien ta' Qorti Unifikata tal-Privattivi.

Diċembru li għadda l-Kunsill u l-Parlament laħqu ftehim proviżorju dwar iż-żewġ abbozzi ta' regolamenti li jimplementaw kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja.

It-tielet pilastru tas-sistema tal-privattiva, il-ħolqien ta' Qorti Unifikata tal-Privattivi li tkun tiġġudika każijiet ta' tilwim ta' privattiva, għadu pendenti għal ftehim finali fuq is-siġġu tal-Qorti.

Bijoeconomija: pjan ta' azzjoni għall-innovazzjoni u t-tkabbir ekoloġiku

Waqt ikla informali ta' nofsinhar, il-Ministri għar-riċerka kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ninnovaw għal tkabbir sostenibbli: bijoeconomija għall-Ewropa", maħruġa fit-13 ta' Frar ([6487/12](#)).

Il-Ministri enfasizzaw li l-bijoeconomija għandha potenzjal kbir biex tikkontribwixxi għal soċjetà aktar innovattiva, effiċjenti fl-użu ta' riżorsi u kompetittiva.

Il-komunikazzjoni tistabbilixxi pjan ta' 12-il azzjoni għall-implimentazzjoni ta' strateġija ta' bijoeconomija.

Żona Ewropea tar-Riċerka: riżultati tal-konsultazzjoni pubblika

Il-Kunsill ħa nota tal-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni dwar ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika maħsuba biex tiġbor il-fehmiet u l-evidenza mill-partijiet interessati dwar l-ostakli prinċipali li jeħtieġ li jingħelbu, kif ukoll dwar l-aqwa modi kif dawn jiġu indirizzati, sabiex ikun hemm Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) li tiffunzjona tajjeb sal-2014 ([6537/12](#)).

Sit elettroniku taż-ŻER: http://ec.europa.eu/internal_market/smact/index_mt.htm

ITER: Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni dwar l-istat attwali tal-proġett ITER ([6599/12](#)).

F'Diċembru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal programm ta' riċerka supplimentari skont it-Trattat Euratom għall-perijodu 2014-2018 ([5058/12](#)).

Sit elettroniku tal-ITER: <http://www.iter.org/>

PUNTI OĦRAJN APPROVATI

TRASPORT

L-interoperabbiltà tal-linji ferrovjarji Ewropej - applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Regolament dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-sistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ([5184/12](#)).

L-emenda taġġorna l-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' din l-ispeċifikazzjoni teknika u r-regoli dwar il-ġestjoni tal-bidla, li għandhom jiġu applikati minn intrapriżi ferrovjarji, manijers tal-infrastruttura u s-sidien tal-vaguni.

L-abbozz ta' Regolament huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju; issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottah, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

Miri komuni tas-sikurezza ferrovjarja

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni dwar miri komuni tas-sikurezza fir-rigward tas-sistema ferrovjarja ([5313/12](#)).

Il-miri komuni tas-sikurezza (CSTs) jiddefinixxu l-livell ta' sikurezza li tal-anqas għandu jintlaħaq mis-sistema ferrovjarja, espressi fi kriterji kwantitattivi tar-riskju aċċettat għal kategoriji differenti ta' riskju bħal riskji għall-passiġġieri, il-persunal, l-utenti tal-intersezzjonijiet fuq l-istess livell jew is-soċjetà fl-intier tagħha.

Id-deċiżjoni hija bbażata fuq l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tal-ewwel sett ta' CSTs, li ġew adottati fl-2010 u li issa għandhom jiġu sostitwiti b'dan it-tieni sett.

L-abbozz ta' att legali huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju; issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottah, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

LIĠI DWAR L-IKEL

Koloranti tal-ikel - Kontroll tad-diossini u kontaminanti oħra f'oġġetti tal-ikel

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' żewġ abbozzi ta' regolamenti:

- li jemenda l-Anness II mar-Regolament Nru 1333/2008 dwar il-kundizzjonijiet tal-użu u l-livelli tal-użu tal-koloranti tal-ikel Isfar Kinolina (E 104), l-Isfar Inżul ix-Xemx FSF/Isfar fl-Oranġjo S (E 110) u l-Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A (E 124) ([16705/2/11 REV 2](#)); u
- li jistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' diossini, PCB simili għad-diossini u PCB mhux simili għad-diossini f'ċerti oġġetti tal-ikel ([18587/11](#)).

Dawn l-abbozzi ta' regolamenti huma soġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottahom, sakemm ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

KULTURA

Bord taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew - Ħatriet

Il-Kunsill ħatar lis-Sur Francisco Prado-Vilar, lis-Sinjura Csilla Hegedüs, lis-Sinjura Irma Grigaitiené u lis-Sur Michel Thomas-Penette, bħala membri tal-bord Ewropew li ser ikun responsabbli mill-għażla tas-siti li għandhom jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew ([6274/12](#)).

Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jista' jingħata lil siti li għandhom valur simboliku qawwi - u mhux biss estetiku - valur, f'termini ta' storja u wirt kulturali Ewropej (bħal monumenti, siti naturali, ta' taħt l-ilma, arkeoloġiċi, industrijali jew urbani, oġġetti kulturali, eċċ). Huwa maħsub biex isaħħaħ is-sens ta' appartenenza għall-Ewropa fost iċ-ċittadini Ewropej, speċjalment fost iż-żgħażaġh.